**21 ta' Lulju, 1989**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Anthony Coreschi

*versus*

Kummissarju tal-Pulizija u l-Ministru ta' l-Intern

**Kostituzzjoni – Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Smigħ Xieraq – Reat Kriminali – Regolamenti tat-Traffiku – Kummissarju tal-Pulizija – Liċenzja – Kanċellament ta' – Rikors – Nullità ta'**

*Ir-rikorrent talab dikjarazzjoni li r-Regolamenti 23 tal-Motor Vehicles Regulation 1948 jilledi d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq minn Qorti imparzjali u indipendenti kif protett mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talba tar-rikorrent. Il-Qorti Kostituzzjonali rriformat u ddikjarat li l-imsemmi regolament kien jilledi d-drittijiet protetti taħt l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni.*

*Meta imputat iħoss li ġew ivvjolati d-drittijiet fundamentali tiegħu, l-fatt biss li hu ma jqajjimx kwistjoni kostituzzjonali quddiem il-Qorti kriminali biex din tagħmel ordni ta' riferenza, imma jagħżel li jagħmel rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ma jwasslux għan-nullità ta' dak ir-rikors.*

*Għat-tenur tar-Regolament 23 magħżul taħt l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65) il-Kummissarju jista', fil-każ ta' ksur tar-regolamenti u l-liġijiet, jissospendi jew jikkanċella liċenzja. Dan il-Kummissarju tal-Pulizija jista' jagħmlu meta tiġi stabbilita l-assistenza tar-reat konsistenti fil-ksur fuq imsemmi. Għalhekk id-determinazzjoni ta' l-assistenza tar-reat mill-Kummissarju nnifsu tikser il-garanzija kostituzzjonali għal smigħ xieraq minn Qorti imparzjali u indipendenti.*

Il-Qorti: –

Rat ir-rikors kostituzzjonali 149/85G li bih Anthony Coreschi jesponi bil-qima:

"1. Illi hu jinsab akkużat li bħala *taxi driver* talab noll aktar minn dak permess mil-liġi. Hu deher quddiem il-Qorti fit-2 ta' Lulju, 1985, u l-kawża ġiet iddeferita għal Ottubru;

2. Preċedentement il-Kummissarju ħadlu l-liċenzja tas-sewqan, u kull liċenzja li għandu anke tal-karozza, u dawn ġew mogħtija lura lejliet li l-Prim'Awla kellha tipprovdi fuq talba tar-rikorrenti għall-mandat ta' inibizzjoni biex effettivament dawn il-liċenzji jingħataw lura lilu. Dawn inżammu għal erba' u għoxrin ġurnata ċirka. Fis-6 ta' Ġunju, l-Kummissarju lleva wkoll it-*Taxi* Y – 0083, u l-esponenti ħa lura l-istess karozza fit-2 ta' Lulju, meta l-Qorti tal-Maġistrati ddekretat li l-esibizzjoni tat-*taxi* ma kellha xejn x'taqsam ma' l-akkuża;

3. Illi fir-risposti tiegħu, il-Kummissarju allega li hu kien qed juża l-poter diskrezzjonali tiegħu li bla proċeduri kriminali jieħu l-liċenzji, u dan mingħajr proċess quddiem il-qrati;

4. Illi fir-Regolamenti 23 tal-*Motor Vehicle Regulations*

ta' l-1948, *hemm* li l-Kummissarju jista' **għall-*infringement*** *tar*-regolamenti jew ta' xi liġi oħra, jikkanċella jew jissospendi l-liċenzji, **indipendentement mill-piena tal-Qrati.** *Illi jidher* li dan il-poter intuża kontra l-esponenti peress *li l-liċenzji* tiegħu ġew *miżmuma* b'*ittra tas-6 ta' Ġunju*, *u sussegwentement* tressaq il-Qorti u ntalbet piena kontra tiegħu;

5. Illi dan ir-regolament mhux wieħed minn dawk li l-liġi tirriserva l-umbrella tal-protezzjoni li ma jistgħux jiġu kkontestati kostituzzjonalment;

6. Dan ir-Regolament jidneb kontra d-drittijiet tal-Bniedem għar-raġunijiet li ġejjin:

a) Is-sospensjoni hi piena taħt il-Kap. 105 (illum Kap. 65) għal reat li jirriżulta quddiem il-Qrati. *Hija* piena *stabbilita skond* kif *jirriżulta* lill-*Qorti*. *Ċerti kontravvenzjonijiet* l-*anqas hemm* is-sospensjoni magħhom;

b) Id-dritt li tapplika piena għal reat hija mogħtija biss mill-Qrati, kostitwiti kif trid il-kostituzzjoni, u kif ġie stabbilit anke fil-Kawża Kostituzzjonali: "Il-Pulizija *vs* Emle. Vella – 28 ta' Ġunju, 1983";

ċ) Illi għalhekk meta r-regolament jgħid li xi ħadd jagħmel *infringement* tar-regolamenti, ifisser li jkun meqjus ħati ta' reat kriminali. Il-Kostituzzjoni tgħid li persuna tali għandha tingħata smigħ xieraq quddiem Qorti indipendenti u imparzjali. Il-Kummissarju mhux Qorti, *bħala prosekutur mhux indipendenti* u imparzjali, u bl-eżerċizzju assolut tad-diskrezzjoni żgur ma jagħtix 'smigħ xieraq';

Għaldaqstant l-esponent talab bir-rispett li dik il-Qorti tiddikjara bħala anti-kostituzzjonali r-Regolament 23 tal-*Motor Vehicle Regulations* ta' l-1948, peress li jmur kontra l-artikolu 40 (illum 39) ta' l-istess Kostituzzjoni, u tagħtih dawk ir-rimedji kollha xierqa skond il-każ, speċjalment peress li l-esponenti kien intima lill-Kummissarju li ma kellux poteri legali li jeħodlu l-istess liċenzji mingħajr *due process of law;*

Jiġi ddikjarat li dan ir-rikors qed jiġi pprezentat ukoll kontra l-Ministru ta' l-Intern għar-raġunijiet proċedurali biss, u mhux għaliex id-diskrezzjoni tat-teħid tal-liċenzji ġiet eżerċitata minnu, u dan kif jirriżulta;

Rat ir-risposta ta' l-intimati, li biha jesponu bir-rispett:

Illi preliminarjament l-azzjoni odjerna hi rrita u nulla għax tmur kontra d-dispost tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 47 (illum 46) tal-Kostituzzjoni illi jgħid:

"Jekk f'xi proċeduri f'xi Qorti li ma tkunx il-Prim'Awla ta' Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-imsemmija artikoli 34 sa 46 (illum 33 u 45) (magħdudin), dik il-Qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti ċivili **kemm-il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma jkunx sempliċement** frivola jew vessatorja....";

Illi dawn il-proċeduri huma naxxenti minn proċeduri fl-ismijiet: "Il-Pulizija *versus* Anthony Coreschi" pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u l-uniku interess illi għandu (jekk għandu) hu "konnessjoni ma' l-istess – għalhekk din il-proċedura ma misshiex inbdiet b'rikors imma b'riferenza mill-

*Qorti fuq imsemmija, u għalhekk nulla;*

Illi bla preġudizzju għas-suespost il-Ministru ta' l-Intern ma għandu x'jaqsam xejn ma' l-għemil dwar il-liċenzji msemmija jew il-ħruġ tar-regolamenti li taħthom aġixxa l-intimat Kummissarju tal-Pulizija, li huma magħmula mill-Kummissarju tal-Pulizija bil-parir, tat-*Traffic Control Board,* u għalhekk għandu jkun illiberat mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra r-rikorrent;

Illi r-rikorrent ġie mogħti lura l-liċenzi u *taxi* in kwistjoni. Illi l-aġir tal-Kummissarju tal-Pulizija dwarhom hu bbażat fuq liġi maħruġa qabel il-21 ta' Settembru, 1964, u anke kieku kellhom dawn il-liġijiet jitqiesu li jmorru kontra l-kapitolu IV tal-Kostituzzjoni – japplika dejjem is-subartikolu (8) ta' l-artikolu 48 (illum 47) tal-Kostituzzjoni li jgħid:

''Meta xi disposizzjoni ta' liġi maħruġa qabel il-ġurnata stabbilita titqies li tkun inkonsistenti ma' xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 34 sa 46 (illum 33 sa 45) (magħdudin) ta' dan il-Kapitolu, **ebda persuna ma jkollha dritt għall-kumpens dwar xi ħaġa magħmula skond l-awtorità ta' dik id-disposizzjoni qabel ma kienet hekk meqjusa bħala inkonsistenti**'' u għalhekk ir-rikorrent għandu karenza ta' nteress biex jipproponi dan ir-rikors;

Bla preġudizzju għal dak fuq espost l-għoti jew is-sospensjoni ta' liċenzja hi att li jaqa' taħt id-diskrezzjoni ta' l-eżekuttiv u ma għandhom x'jaqsmu xejn ma' proċeduri kriminali. F'dan il-każ il-Kummissarju tal-Pulizija eżerċita d-diskrezzjoni leġittima tiegħu skond il-Kapitolu 105 (illum Kap. 65) u l-*Motor Vehicles* u r-rikorrent ma għandu l-ebda bażi biex jattakka dik id-

*diskrezzjoni* mogħtija u imposta b'liġi fuq l-istess Kummissarju tal-Pulizija;

Għalhekk it-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda;

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-31 ta' Lulju 1985 li biha ċaħdet it-talba kontenuta fir-rikors bl-ispejjeż, stante n-novità tal-każ, jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet u dan wara dik *l-istess Onorabbli Qorti* semgħet ix-xhieda bil-ġurament, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat dan kollu li ġej u ċjoè:

Illi l-fatti li taw lok għal dan ir-rikors kostituzzjonali kienu kif ser jingħad:

Anthony Coreschi huwa *taxi driver* u kien ser ikun akkużat quddiem *il-Qorti Kriminali talli waqt li kien qiegħed iġorr* passiġġieri talab ammont iktar milli kien in-nol korrett għal vjaġġ bejn Xatt ir-Risq u Hotel Belmont, Sliema. Il-Kummissarju tal-Pulizija eżerċita s-setgħat dixxiplinarji li r-Regolamenti tat-Traffiku jħallu f'idejh, ir-regolament 23, li jgħid:

*''Licences granted under these Regulations shall be liable to be cancelled or suspended by the Commissioner of Police for a period not exceeding one month for any infringement of these regulations or any laws or other Regulations applicable to motor vehicles independently of any punishment to which the offender may become liable according to law''*. (Il-Qorti qed tiċċita t-*test* Ingliż peress li ma ġietx ipprovduta bit-*test* Malti) u ssospenda u kkanċella l-liċenzji maħruġa lir-rikorrent taħt ir-regolamenti dwar il-vetturi. Żammulu t-*taxi* d-Depot tal-Pulizija u l-liċenzji ġew irritornati lilu biss lejliet li kellu jitressaq il-Qorti

fuq l-akkuża li saritlu. Il-Qorti tal-Maġistrati, wara dibattitu sħiħ, illiberat it-*taxi* lill-akkużat peress li *fil-fehma tagħha t-taxi* ma *kellhiex x'taqsam mal-każ. Jidher li dan il-każ kien* l-ispunt li serva għall-ħruġ ta' Tagħrif għall-Istampa *(Press Release)* minn Kastilja li fisser li l-Pulizija kienet sejra tkompli tuża dawn il-*poteri ta'* l-irtirar tal-liċenzji fil-każ ta' abbużi;

Ikkunsidrat, dwar l-ewwel eċċezzjoni mqanqla fir-risposta ta' l-intimati illi l-azzjoni odjerna hija rrita u nulla għax tmur kontra d-dispost ta' l-inċiż (3) ta' l-artikolu 47 tal-Kostituzzjoni, *illi l-provvedimenti ta'* l-inċiż in kwistjoni ma jikkontemplax limitazzjoni tal-jedd li ċ-ċittadin għandu li jfittex id-drittijiet tiegħu f'din il-Qorti, iżda proċedura parellela għal dak il-jedd *fiċ-ċirkostanzi* kkontemplati f'dak l-inċiż. L-ewwel proċedura hija dik li ċ-ċittadin isib ruħu fiha qabel ma jkun akkużat f'Qorti, meta jifhem li xi jedd fundamentali kkontemplat fil-Kostituzzjoni *nkiser, qed jinkiser jew ser jinkiser fir-rigward tiegħu.* Imbagħad hemm il-proċedura l-oħra li tqum fiċ-ċirkostanzi speċjali kkontemplati fit-tielet inċiż li l-ksur jew allegat ksur tal-jeddijiet fundamentali jqum waqt proċeduri li qed isiru f'xi Qorti. F'dak il-każ, kif sewwa indikat ir-risposta, il-Qorti li quddiemha tqum il-kwistjoni għandha d-dmir li flok tiddeċidi l-kwistjoni hija, tirriferi l-kwistjoni lil din il-Qorti basta l-kwistjoni ma tkunx waħda frivola jew vessatorja. Dawn iż-żewġ proċeduri m'humiex *limitazzjoni ta'* xulxin, iżda paralleli ta' xulxin iktar u iktar li l-ewwel inċiż ta' l-artikolu 47 (illum 46) li jikkontempla l-ewwel proċedura jgħid ċar u tond li dik il-proċedura ssir mingħajr *preġudizzju ta'* kwalsiasi azzjoni oħra fir-rigward ta' l-istess materja li tkun possibbli legalment. Jekk hemm xi proċedura oħra quddiem xi Qorti oħra, it-tielet inċiż ta' l-artikolu 47 (illum 46) *ikun jista' japplika fil-kontest ta'* dik il-proċedura meta, ovvjament il-Qorti tkun trid tikkunsidra sew kemm tkun frivola

u vessatorja t-talba li tkun qed issirilha għal referenza taħt dawk l-inċiż. Iżda l-fatt li dak l-inċiż jista' jkun ikkontemplat ma jwassalx għal xi nullità tal-proċeduri ordinarjament ikkontemplati għall-ħarsien tal-jeddijiet fundamentali tal-bniedem. Għalhekk ma jidhirx li hemm xi nullità peress li l-kwistjoni tqanqlet quddiem din il-Qorti b'rikors flok li ġiet riferita lil din il-Qorti minn xi Qorti oħra li quddiemha hemm xi ħaġa konċessa ma' dan ir-rikors;

Ikkunsidrat dwar it-tieni eċċezzjoni ssollevata fir-risposta, relattivament għall-Ministru ta' l-Intern, li għandu jkun illiberat għall-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra r-rikorrent, il-Qorti nnotat l-aħħar paragrafu tar-rikors tar-rikorrenti li ddikjara "li dan ir-rikors qed jiġi ppreżentat ukoll kontra l-Ministru ta' l-Intern għal raġunijiet proċedurali biss, u mhux għaliex id-diskrezzjoni tat-teħid tal-liċenzji ġiet eżercitata minnu", dikjarazzjoni li ġiet ribadita bit-tielet paragrafu tal-verbal tat-12 ta' Lulju, 1985, li fih fil-qosor il-kontro-risposti għar-risposta ta' l-intimati li qal kategorikament li "dwar lill-Ministru ta' l-Intern ma għandu x'jaqsam xejn, l-esponenti jieħu gost, illi mhux biss għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju, iżda anki minn kwalunkwe responsabbilità fl-eżerċizzju ta' dik id-diskrezzjoni". U għalhekk tifhem li huwa paċifiku bejn il-partijiet li l-Ministru ta' l-Intern għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

Wara li kkunsidrat dawn l-aspetti preliminari, il-Qorti tgħaddi issa biex tikkunsidra l-qofol ta' dan ir-rikors kostituzzjonali li qiegħed fil-paragrafu 3 sa 6 tar-rikors u fit-tliet paragrafi penultimi tar-risposta ta' l-intimati. Huwa ċar li l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 105) (illum Kap. 65) bl-artikolu 16 (illum art. 17) kienet tat is-setgħa lill-

Kummissarju tal-Pulizija li bil-parir tal-*Board* għall-Kontroll tat-Traffiku jagħmel regolamenti "dwar it-traffiku ta' *motor cars* u laneċ fil-gżejjer ta' Malta u Għawdex u bejn dawn iż-żewġ gżejjer (fost affarijiet oħra)" – formula minn dawk li huma kkunsidrati wisgħin ħafna u normalment iwaqqgħu taħthom kull ħaġa li jkollha x'taqsam mas-suġġett, għalkemm il-Qorti ma hiex qiegħda tesprimi ruħha fuq daqshekk b'xi mod, billi din mhix il-kwistjoni li għandha quddiemha l-Qorti llum. Jidher ċar ukoll li bis-setgħa ta' dan l-artikolu saru regolamenti magħrufin tajjeb biżżejjed għax ilhom ħafna applikati fil-Qrati tagħna li ħolqu żewġ tipi ta' dixxiplina fuq it-traffiku; wieħed permezz tal-Qrati kemm fl-aspett kriminali tagħhom minħabba l-għadd kbir ta' reati li jsiru waqt u permezz tas-sewqan, kif ukoll fl-aspett ċivili tagħhom billi l-Qrati jkunu jridu jippronunzjaw ruħhom fuq responsabbilità u likwidazzjoni għad-danni, u l-ieħor permezz ta' l-Eżekuttiv billi l-Kummissarju ġie vestit bis-setgħa li jieħu lura liċenzji konnessi mat-traffiku f'ċerti ċirkostanzi determinati. Huwa dan it-tip ta' dixxiplina tat-traffiku permezz ta' l-Eżekuttiv li qiegħed fil-qalba tal-kwistjoni ta' dan ir-rikors. Jeħtieġ ukoll niftakru ċar li din mhix kawża għal dikjarazzjoni ta' nullità ta' xi regolament għax ***ultra vires*** l-umbrella li taħtha jistgħu jsiru regolamenti, (l-istess kwistjoni li din il-Qorti tħalli kompletament impreġudikata billi mhix quddiemha) iżda kawża ta' nullità peress li r-regolament hu allegat li jmur kontra d-drittijiet *fundamentali tal-Bniedem protetti mill-Kostituzzjoni*;

Issa l-artikolu 40 (illum 39) tal-Kostituzzjoni li l-allegat ksur sar kontra tiegħu, il-ħin kollu jitkellem fuq Qorti stabbilita b'liġi għall-konsiderazzjoni ta' offiżi kriminali minn xi persuna (l-ewwel inċiż) jew awtorità aġġudikanti preskritta mil-liġi għad-determinazzjoni ta' l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet ċivili jew obbligazzjonijiet (it-tieni inċiż). Il-Qorti, hawnhekk hija Qorti

kif tifhimha l-Kostituzzjoni mhux xi ħaġa li tixbah lill-Qorti fil-funzjonijiet tagħha. Ma nistgħux nikkunsidraw sewwa l-artikolu 40 (illum 39) tal-Kostituzzjoni, jekk nitilqu b'xi analoġiji d'rasna li jwassalna għal xi organi li m'humiex il-Qrati kif normalment aċċettati mill-Kostituzzjoni stess u minn xejn aktar;

Is-sens ta' erudizzjoni tal-Qorti kien elevat bir-riferenzi għad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjoni: Il-Pulizija *vs* Emle. Vella *tat-28 ta' Ġunju, 1983* – waħda mid-deċiżjonijiet l-aktar elaborati, interessanti u profondi tal-Qorti Kostituzzjonali tagħna li għaliha r-rikorrenti rriferew kemm fil-prattiki miktuba kemm fit-trattazzjoni orali; iżda s-sens ta' ekonomija tal-ġudizzju tal-Qorti baqa' żbalordit bil-fatt li dawk ir-riferenzi ma kienu saru bl-ebda neċessità peress li dik is-sentenza ma għandha x'taqsam xejn mal-każ in eżami f'dan il-proċess; u jekk wieħed għandu jiġbed xi konklużjonijiet applikabbli għal dan il-każ, dawn huma kollha kuntrarji *għat-teżi tar-rikorrent; per eżempju*, minn dik is-sentenza joħroġ ċar li l-kelma "Qorti" tfisser Qorti Superjuri jew Qorti Inferjuri tas-sistema legali Malti u l-ebda tribunal jew organu ieħor, li l-art. 40 (illum 39) tal-Kostituzzjoni japplika għal Qorti li qed tiġġudika reati li huma reati u mhux xi ħaġa li hija depenalizzata bħall-offiżi kollha li għalihom l-Kummissarji tal-Ġustizzja għandhom ġurisdizzjoni; li l-kelma "Qorti" ma tinkludix tribunal jew awtorità oħra ġudikanti wkoll jekk Avviż *legali jsejjaħ tribunal* jew awtorità *oħra ġudikanti lil xi organi* li jkun qed iwaqqaf;

Minn dan isegwi ċar li d-dixxiplina amministrattiva jew eżekuttiva kkontemplata bil-paragrafu tlieta u għoxrin tar-regolamenti mhix milquta bil-, u ma tolqotx, l-artikolu 40 (illum 39) tal-Kostituzzjoni. Il-Kummissarju tal-Pulizija mhux Qorti; huwa parti integrali mill-Eżekuttiv, jiffunzjona fil-Qorti billi jieħu

ħsieb iressaq persuni akkużati ta' xi reat quddiem il-Qorti, iżda mhux il-ġudikant li jiddeċidi kwistjonijiet ġudizzjarji; l-*aktar li jista' jingħad hu li għandu* wkoll funzjonijiet kważi-ġudizzjarji li l-ewwel *studji kostituzzjonali mill-ewwel jġiegħeluna nagħżlu* u bil-kbir *mill-funzjonijiet* ġudizzjarji;

Hemm xi *rimedju ta' kontroll* jekk ikun hemm abbuż ta' poter fil-kors *ta'* din id-dixxiplina amministrattiva? Jekk hemm, ħaġa oħra li forsi jekk għadha *teżisti tista'* tinstab fil-kuntest tal-***judicial review of executive discretion*** tas-sistema Ingliż, jew l-***isviamento*** jew ***straripamento di potere*** tas-sistema Taljan, iżda l-Qorti ma tistax ħlief tħalli din il-kwistjoni mill-aktar interessanti kompletament impreġudikata billi *mhix* il-kwistjoni quddiemha llum;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-intimati Kummissarju tal-Pulizija u l-Ministru ta' l-Intern li bih talbu *li din il-Qorti* jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha f'dik il-parti fejn ġiet miċħuda l-imsemmija eċċezzjoni tagħhom dwar in-nullità tal-proċeduri addottati u tiddeċidi minflok illi r-rikors promotorju ta' l-appellat kien irritu u null għax imur kontra d-dispost tas-sub-artikolu (3) ta' l-artikolu 47 (illum 46) tal-Kostituzzjoni u li din il-proċedura jmissha inbdiet mhux b'rikors iżda b'riferenza mill-Qorti tal-Maġistrati u tikkonferma l-istess sentenza fil-kumplament tagħha fejn ċaħdet it-talbiet miġjuba fir-rikors ta' l-appellat promotorju ta' din il-kawża bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat;

Rat ir-risposta ta' l-appellant Coreschi li biha ssottometta li t-talbiet kontenuti ta' l-intimati għandhom jiġu miċħuda liema kwistjonijiet għandhom jiġu komplessivament studjati u deċiżi ma' l-appell tiegħu;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Anthony Coreschi li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija u tirrevokaha għall-kumplament billi tilqa' t-talba tiegħu kontenuta fir-rikors u tagħti wkoll dawk ir-rimedji kollha li jidhrilha xierqa taħt l-istess Kostituzzjoni;

Rat ir-risposta ta' l-intimati Kummissarju tal-Pulizija u Ministru ta' l-Intern għall-appell tar-rikorrent Coreschi li biha ssottomettew illi bla preġudizzju għar-rikors ta' l-appell ippreżentat minnhom liema appell jekk jiġi akkolt għandu jirrendi superfluwu l-appell odjern ta' Coreschi l-istess appell tiegħu għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi sejjer qabel xejn jiġi deċiż l-appell ta' l-intimati Kummissarju tal-Pulizija u Ministru ta' l-Intern;

L-intimati appellanti qed jikkontestaw id-deċiżjoni ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti li biha ċaħditilhom l-ewwel eċċezzjoni tagħhom u ċjoè dik li biha sostnew li l-azzjoni tar-rikorrent Coreschi kienet irrita u nulla għax tmur kontra d-dispost tas-sub-artikolu (3) ta' l-artikolu 47 (illum 46) tal-Kostituzzjoni;

L-aggravji tagħhom fir-rigward ta' din il-parti mis-sentenza appellata fl-istess kliem tar-rikors ta' l-appell huma kif ġej:

"Is-subartikolu (3) *ta' l-artikolu 37 (illum 36)* tal-Kostituzzjoni jistabilixxi regola *speċjali għal* ċirkostanzi speċjali fil-waqt illi s-subartikolu (1) *ta'* l-istess artikolu jistabilixxi r-regola ġenerali għaċ-ċirkostanzi ġenerali u regolari. Hu massimi ta' interpretazzjoni illi r-regola speċjali, għal dawk iċ-ċirkostanzi speċjali minnha kkontemplati, tidderoga u sal-limitu li hekk tidderoga, tabroga r-regola ġenerali;

"L-ewwel Onorabbli Qorti nterpretat dawn iż-żewġ inċiżi billil qalet illi dawn jistabilixxu żewġ sistemi ta' proċeduri parelleli illi dak illi jħoss illi d-drittijiet kostituzzjonali tiegħu ser jiġu leżi jista' jagħżel bejniethom jew saħansitra jaddothom it-tnejn f'daqqa. Dan ifisser, illi r-riferenza mill-Qorti *tal-Maġistrati* u r-rikors kostituzzjonali, *jistgħu jimxu indipendentement* quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u l-Qorti Kostituzzjonali b'mod li jkollhom anke *eżitu* b'xi mod konfliġġenti";

"Liema f'każ bħal dan ser tkun is-sentenza finali bejn *il-*partijiet, dik is-sentenza illi għandha torbot *lill-Qorti tal-*Maġistrati, ser ikun hemm *dritt ta' għażla oltre tal-proċeduri* anke tad-deċiżjoni?";

"Lanqas jista' jingħad illi hemm għażla ta' proċeduri u wara li ssir l-għażla l-proċedura magħżula teskludi l-oħra, u dana għaliex fil-kliem testwali ta' l-artikolu 47(3) (illum 46(3) ) *ir-riferenza* "għandha" ssir *tassattivament, u ma tistax* il-Qorti illi quddiemha tkun qamet il-kwistjoni tagħżel illi minflok tagħmel riferenza tissoprassiedi";

"Kieku l-proċeduri kienu paralleli u ugwalment validi kien jiġi reż irriżorju d-dritt fl-artikolu 47(3) (illum 46(3) *tal-Qorti hemm imsemmija illi tiddeċidi jekk il-kwistjoni mqajma* hiex

waħda frivola u vessatorja – kwistjoni li skond l-istess artikolu 47 (illum 46) għandha tiġi deċiża finalment u bla ebda appell mill-Qorti hemm imsemmija. Kien ikun frivolu da parti tal-leġislatur kostituzzjonali tagħna li jagħmel regola bħal dik biex imbagħad wara deċiżjoni finali u inappellabbli simili, tibqa' teżisti l-fakultà li tuża l-proċedura parallela u tagħmel rikors fuq l-istess kwistjoni'';

Illi din il-Qorti ma taqbel xejn ma' dawn is-sottomissjonijiet u dan għar-raġunijiet li ġejjin:

1) Id-dritt taċ-ċittain li jadixxi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għal rimedju meta jkun jallega li xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 33 u 45 tal-Kostituzzjoni tkun ġiet, tkun qed tiġi jew tkun x'aktarx ser tiġi miksura mhix assoġġettat mill-istess Kostituzzjoni għal ebda limitazzjoni. Dan id-dritt hu mogħti bis-sub-artikolu (1) ta' l-art. 46 tal-Kostituzzjoni u jiġi eżerċitat inidpendentement mill-fatt jekk hemm proċeduri oħra pendenti li fihom tista' ssir jew ma ssirx riferenza fit-termini tas-sub-artikolu (3) ta' l-istess artikolu. Anzi meta fis-sub-artikolu (1) ta' l-art. 46 il-Kostituzzjoni tagħti dan id-dritt ta' azzjoni liċ-ċittadin dan għamlitu u tagħtu ''bla ħsara għal kull azzjoni dwar l-istess ħaġa li tkun tista' ssir legalment – bl-ingliż ''*without prejudice to any other action with respect to the same matter that is lawfully available*''. Id-diffikultajiet li ssolleva l-appellant partikolarment dwar possibilità ta' dupliċità ta' azzjonijiet huma ta' natura efimera u ma jistgħux ikunu ta' ostakolu biex wieħed jekk irid jeżerċita d-dritt li tagħtih l-istess Kostituzzjoni. Infatti kieku kif sostna l-appellanti azzjoni waħda hi ta' ostakolu għall-oħra jew għandha biss issir waħda u mhux l-oħra kieku jista' jiġri l-każ indesiderat illi d-dritt ta' azzjoni taħt l-art. 46(1) jiġi indirettament deċiż minn Qorti li mhix la l-Qorti Kostituzzjonali

u lanqas il-Prim'Awla *billi tiddeċidi li ma tagħmilx* ir-riferenza kkontemplata fl-art. 46(3) billi jkun jidhrilha li l-kwistjoni tkun sempliċement frivola u vessatorja. Però hu ovvju li dan mhux hekk kieku kellha tiġi aċċettata l-imsemmija sottomissjoni ta' l-appellat jiġri li skond is-sub-artikolu (5) ta' l-art. 46 dak li jkun ma jkunx lanqas jista' jappella minn dik id-deċiżjoni u skond l-appellant lanqas ikun *jista' jadixxi l-Prim'Awla tal-Qorti* Ċivili fit-termini tas-sub-artikolu (1) *ta'* l-art. 46. Dan però mhux korrett. Fil-fatt jista' jiġi eżerċitat dritt ta' azzjoni taħt l-art. 46(1) u ma tiġi ssollevata ebda kwistjoni fi proċeduri oħrajn u tista' indipendentement minn tali kwistjoni fi proċeduri oħrajn u indipendendtement minn xi jkun jidħrilha dik *il-Qorti* li quddiemha tqum il-kwistjoni *tiġi wkoll eżerċitata* l-azzjoni taħt l-art. 46(1). Fi kliem ieħor il-*fatt li fi* proċeduri oħrajn ma tkunx tqajmet kwistjoni bħal dik imsemmija fl-art. 46(3), jew li dik il-kwistjoni tkun għadha mhux deċiża jew addirittura l-Qorti li quddiemha tkun qamet tkun iddeklinat li tagħmel riferenza għax tkun ħasset li l-kwistjoni kienet sempliċement frivola *jew* vessatorja m'għandux u ma jistax *jikkostitwixxi* ostakolu liċ-ċittadin li jkun irid *jadixxi* l-*Prim'*Awla tal-Qorti Ċivili għal rimedju fit-termini tas-sub-artikolu (1) ta' l-art. 46 tal-Kostituzzjoni biex jeżerċita dan id-dritt. Għalhekk iddeċidiet sewwa l-ewwel Onorabbli Qorti li ż-żewġ azzjonijiet ikkontemplati rispettivament fis-sub-artikolu (1) u (3) ta' l-artikolu 46 m'humiex limitazzjoni ta' *xulxin iżda* paralleli ta' xulxin u din il-Qorti *ma tarax li hemm xejn* utli x'iżżid ma' dka li ġà intqal u dak li affermat l-Ewwel Qorti fir-rigward;

L-appell ta' l-intimati Kummissarju tal-Pulizija u l-Ministru ta' l-Intern inkwantu jirrigwarda d-deċiżjoni appellata fil-parti li ċaħditilhom l-ewwel eċċezzjoni tagħhom *għalhekk* ser jiġi *respint*;

Ser jiġi issa kkunsidrat l-appell ta' Anthony Coreschi;

L-aggravji ta' l-appellant Coreschi ser jiġu riprodotti *verbatim* anki għaliex it-trattazzjoni ġiet limitata għal riferenza għall-aggravji kif esposti fir-rikors ta' l-appell;

L-aggravji fl-istess ordni li ngħataw huma kif ġej u ċjoè:

1) "L-ewwel Qorti iktar fuq il-bażi ta' dritt amministrattiv milli tad-dritt Kostituzzjonali waslet għall-konklużjoni li l-Kummissarju m'huwiex Qorti. Kieku wieħed kellu jikkonsidra din bħala sentenza in parte jaqbel magħha però meta mbagħad mill-bażi amministrattiva tiġi għall-bażi kostituzzjonali l-Qorti ma segwitx";

2) "Kien jidher ċar u tond u jidhru ċar u tond li r-regolament jitkellem fuq "*infringement* ta' kwalunkwe liġi jew regolament li l-Kummissarju fl-opinjoni tiegħu jidhirlu li jkun ġara. Din mhix deċiżjoni amministrattiva peress li r-regolamenti tat-traffiku saru taħt liġi li timponi pieni kriminali għall-ksur tagħhom";

3) "Għaldaqstant jekk il-Kummissarju jkun qed jagħti piena li hija prevista bħala waħda mill-pieni **f'dik** il-liġi prinċipali jkun qed jaġixxi bħala Qorti";

4) "Jekk ikun qed jaġixxi bħala Qorti u l-piena hija ta' natura kriminali japplikaw il-prinċipji tal-Kostituzzjoni li ħadd ma jista' jiġi sottopost għall-piena ta' natura kriminali jekk mhux Qorti Kriminali presjeduta mill-Maġistrat jew minn Imħallef. U fis-sentenza tagħha, ta' din l-Onorabbli Qorti, "li l-Qorti skantat kif ġiet ikkwotata s-sentenza ta' Emanuel Vella,

ċertament l-istess prinċipji japplikaw f'dan il-każ. Għall-inqas f'dak il-każ it-tribunal kien kompost minn Maġistrat u minn żewġ assessuri. F'dan il-każ la hemm assessuri, *la hemm* Maġistrat, m'hemm ħadd imma *hemm il*-Kummissarju b'funzjoni ġudizzjarja u jagħti piena ta' din in-natura";

Ikkunsidrat:

*Illi jekk wieħed jeżamina sewwa s-sentenza* appellata isib li *hi* kollha impernjata fuq konsiderazzjoni waħda u ċjoè li l-awtorità mogħtija lill-Kummissarju tal-Pulizija bir-Regolament 23 imsemmi tammonta għal dixxiplina amministrattiva jew eżekuttiva imma mux ġudizzjarja *u* għalhekk billi l-Kummissarju mhux Qorti *ma* japplikax u ma jistax jiġi nvokat l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni;

Il-vera kwistjoni però ma *kinetx kif* impostataha l-Ewwel Onorabbli Qorti. *Infatti t-teżi ta'* l-appellant Coreschi kienet illi r-Regolament 23 jippostula akkuża ta' reat kriminali u allura skond l-art. 39(1) tal-Kostituzzjoni mhux il-Kummissarju għandu jiddeċidi l-ħtija u jagħti l-piena iżda Qorti indipendenti u imparzjali *mwaqqfa b'liġi. Dak li allura* kellu jiġi deċiż l-ewwel u qabel kollox kien jekk hiex korretta s-sottomissjoni li r-regolament 23 jippostula akkuża ta' reat kriminali. Bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, dan l-aspett fundamentali li hu verament il-pern tal-kwistjoni *kollha* ma ġiex ittrattat minnha. Infatti dik il-Qorti wara li affermat li r-regolamenti magħmula taħt il-Kap. 65 tal-liġijiet ta' Malta ħolqu żewġ tipi ta' dixxiplina fuq it-traffiku ċjoè dixxiplina permezz tal-Qrati u dixxiplina permezz ta' l-Eżekuttiv tramite l-Kummissarju għaddiet biex qalet *li allura d-dixxiplina* Eżekuttiva li jeżerċita l-Kummissarju ma tistax tiġi nkwadrata fit-termini ta' l-artikolu

39(1) tal-Kostituzzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi ma hemmx dubju li taħt liġijiet speċjali s-sospensjoni jew revoka ta' liċenzja tista' tkun miżura amministrattiva affini għall-miżuri ta' sikurezza. Però meta s-sospensjoni jew revoka ta' liċenzja hija abbinata ma' l-eżistenza o meno ta' reat kriminali ma tibqax u ma tistax tibqa' miżura amministrattiva iżda ssir piena konsegwenzjali għal dak ir-reat l-eżistenza o meno ta' liema u l-ħtija relattiva jistgħu **biss** jiġu stabbiliti mill-Qrati fit-termini ta' l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni;

Is-sub-artikolu (1) ta' l-art. 39 tal-Kostituzzjoni jipprovdi illi "kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi";

Fis-sentenza tat-28 ta' Ġunju 1983 fil-kawża "Il-Pulizija *vs* Emanuel Vella" din il-Qorti diġà kellha opportunità tafferma li deċiżjoni dwar reati kriminali tispetta biss lil "Qorti" u stabbilit ukoll liema huma l-Qrati li jistgħu jieħdu konjizzjoni ta' akkużi ta' reati kriminali u ddeċidiet li "ebda awtorità", tissejjaħ kif tissejjaħ, li m'hijiex waħda minn dawn il-Qrati ma tista' tieħu konjizzjoni ta' reat kriminali". A skans ta' ripetizzjoni qed issir riferenza għal parti dottrinali fir-rigward ta' dan l-aspett legali kif stabbilita b'dik is-sentenza;

Il-*Motor Vehicles Regulations* (G.N. 24 ta' l-1948) ġew magħmula taħt l-art. 17 ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta);

L-artikolu 18(1) ta' l-istess Ordinanza jirreferi għal "kull min jagħmel reat kontra regolament magħmul bis-saħħa" ta' l-artikolu 17 u jistabbilixxi l-piena tal-kontravvenzjonijiet bħala applikabbli għal tali reati;

Bis-sub-artikolu (2) ta' l-art. 18 ta' l-istess Ordinanza kif introdott bl-Att XXVI ta' l-1956 f'każ ta' kundanna għal reat kontra l-imsemmija regolamenti, il-Qorti fuq talba tal-Prosekuzzjoni oltre l-piena stabbilita bis-sub-artikolu (1) ta' l-artikolu 18 tista' tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew jottjeni liċenzja tas-sewqan jew liċenzja dwar il-vettura li kienet misjuqa minnu fil-ħin tar-reat għal perijodu li l-istess sub-artikolu jistabbilixxi;

Illi minn dan li għadu kemm ġie premess din il-Qorti hi tal-ferma konvinzjoni li ma jistax ikun hemm dubju li ksur tar-regolamenti jammonta għal reat u allura jsegwi li jekk persuna tkun akkużata b'tali ksur tkun għal kull fini u effett tal-liġi qed tiġi akkużata b'reat kriminali;

*Stabbilit* dan irid jiġi eżaminat x'jipprovdi sewwa r-Regolament 23 tal-*Motor Vehicles Regulations* li taħtu aġixxa l-Kummissarju tal-Pulizija fil-konfront ta' Anthony Coreschi;

Fit-termini ta' l-ewwel paragrafu ta' dan ir-regolament "*Licences granted under these Regulations* ***shall be liable*** *to be cancelled or suspended by the Commissioner of Police for a period not exceeding one month for any* ***infringement*** *of these Regulations or any laws or other Regulations applicable to motor vehicles independently of any punishment to which the offender* ***may become liable*** *according to law*";

Din il-Qorti ssottolineat il-kliem "*shall be liable*" u "*infringement*" u "*may become liable*" għaliex fil-fehma tagħha huma ċ-ċavetta tas-soluzzjoni ta' dan il-każ;

It-teżi tal-Kummissarju tal-Pulizija kif jidher mill-aħħar paragrafu tar-risposta tiegħu għar-rikors promotorju tal-ġudizzju hija waħda inekwivoka. Infatti f'dak l-aħħar paragrafu ssottometta illi "l-għoti jew is-sospensjoni ta' liċenzja hi att li jaqa' taħt id-diskrezzjoni ta' l-eżekuttiv u ma għandhom x'jaqsmu xejn ma' proċeduri kriminali. F'dan il-każ il-Kummissarju tal-Pulizija eżerċita d-diskrezzjoni leġittima tiegħu skond il-Kapitolu 65 u l-*Motor Vehicles Regulations* u r-rikorrent ma għandu l-ebda bażi biex jattakka dik id-diskrezzjoni mogħtija u imposta b'liġi fuq l-istess Kummissarju tal-Pulizija";

Li l-intimat jissottometti li l-posizzjoni legali hi hekk u mhux mod ieħor jemerġi wkoll mill-verbal tas-seduta tat-12 ta' Lulju 1985 minn fejn jirriżulta li "Dr T. Borg Barthet jiddikjara għall-intimat Kummissarju tal-Pulizija li l-interpretazzjoni mogħtija konstantement mill-amministrazzjoni tal-Pulizija hi, illi r-Regolament 23 tal-*Motor Vehicles Regulations* jagħti dritt lill-Kummissarju tal-Pulizija biex amministrattivament u indipendentement minn kull piena, hu jkun jista' jissospendi liċenzja, b'dana anki indipendentement minn deċiżjoni tal-Qorti dwar jekk sar reat jew le u anke indipendentement dak li jkollu l-liċenzja jkunx tressaq il-Qorti jew le;

Ikkunsidrat:

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti eżami akkurat tal-parti ċitata mir-Regolament 23 tal-*Motor Vehicles Regulations* iwassal għall-konklużjoni illi f'każ ta' "*infringement*" tal-*Motor Vehicles*

*Regulations* jew ta' Liġijiet jew Regolamenti oħra li japplikaw għal vetturi bil-mutur il-Kummissarju tal-Pulizija jista', *indipendentement minn* kull piena li dak li jkun jista' jissubixxi skond il-liġi, jikkanċella jew jissospendi liċenzji li jkunu ħarġu taħt dawk ir-Regolamenti u dana jista' jfisser ukoll kif *del resto* hu interpretat li jfisser mill-istess Kummissarju li l-kanċellament jew is-sospensjoni tal-liċenzji hu jista' jimponihom mingħajr il-ħtieġa li jressaq lil dak li jkun il-Qorti u jakkużah bil-ksur tar-Regolament jew liġi li tkun;

*U dan iġib lil din* il-Qorti għal pern tal-kwistjoni. Infatti jidher ċar mill-lokużjoni tar-Regolament 23 ġà ċċitat illi l-kanċellament jew sospensjoni tal-liċenzi *tista'* ssir mill-Kummissarju jekk ikun hemm ksur tar-regolamenti u liġijiet li għalihom jirreferi l-istess Regolament, u għalhekk l-ewwel u qabel kollox bilfors irid jiġi stabbilit dak il-ksur. Diġà ngħad però illi *ksur tar-Regolamenti li jinsabu fil-Motor Vehicles Regulations* m'humiex xi nuqqasijiet amministrattivi iżda reati kriminali *sic et simpliciter*. Lanqas ma jista' jiġi ddubitat li ksur ta' l-ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65) li hi liġi ma jammontax għal reat kriminali. Infatti in-natura tar-reat krimninali toħroġ kważi minn kull artikolu ta' din l-Ordinanza. L-istess jingħad għal regolamenti oħra li saru taħt l-artikolu 16 tal-Kap. 65 bħal per eżempju il-*"Parking Places Regulations"*, jew ir-*"Regulations respecting Gozo Boats carrying passengers from Gozo ta' Malta"* jew l-*"Omnibuses Regulations"*. F'kull każ, infatti ksur tar-regolament, in bażi ta' dak li ġà ngħad fir-rigward ta' l-art. 18 tal-Kap. 65 jammonta għal reat kriminali. Eċċettwati huma biss dawk l-infrazzjonijiet li ġew depenalizzati mil-leġislatur u li għalhekk fir-rigward tagħhom ma jistax jingħad *li huma* reati kriminali;

Ġà la darba hu hekk, ċjoè una volta qed jiġi stabbilit li hawn si tratta minn reati kriminali u billi r-regolament jippostula mhux is-sempliċi suspett iżda l-eżistenza fattwali u legali ta' dak ir-reat u l-kommissjoni tiegħu da parti tal-persuna li tkun ser titiħdielha l-liċenzja, din il-Qorti hi tal-ferma konvinzjoni, li l-eżistenza ta' dak ir-reat ma jistax jiġi stabbilit mill-Kummissarju tal-Pulizija imma biss minn Qorti fit-termini ta' l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u li bħala konsegwenza l-Kummissarju tal-Pulizija ma jistax jissospendi jew jikkanċella l-liċenzja. Infatti m'hemmx dubju li fit-termini tar-Regolament 23 iċċitat jekk ma hemmx "infringement" ma jistax ikun hemm il-kanċellament jew is-sospensjoni tal-liċenzja. Kieku ma kienx kif qed tgħid din il-Qorti l-Kummissarju jista' per eżempju anki wara li persuna tkun ġiet illiberata mill-Qorti peress li azzjoni eżerċitata taħt il-Kap. 65 tkun prekritta jiddeċidi hu li fil-fatt *"infringement"* kien hemm u jissospendi l-liċenzja oppure jista' jantiċipa li l-azzjoni tista' taqa' bi preskrizzjoni u flok iressaq il-Qorti jiddikjara hu l-eżistenza tar-reat u jikkanċella jew jissospendi l-liċenzja. Hu ovvju li dan ir-Regolament jikkozza fi grad konsiderevoli ma' l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni għaliex jippriva lill-persuna li tkun qed tiġi akkużata b'reat kriminali mid-dritt li tesiġi li tiġi mogħtija smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. Infatti minflok ma jassikura dak li jimponi l-art. 39(1) tal-Kostituzzjoni dan ir-Regolament jipprovdi li persuna tiġi rrimedjabilment iddikjarata ħatja ta' reat kriminali u titlef il-liċenzji tagħha mingħajr lanqas ma jkollha d-dritt li tiddefendi lilha nnifisha anzi anki jekk tkun ġiet misjuba mhux ħatja minn Qorti. Forsi hu l-każ li jingħad li kontrarjament għal dak li sostna l-intimat appellat il-każ tar-Regolament 23 tal-*Motor Vehicles Regulations* hu proprju l-każ klassiku ta' l-oppost ta' dan kollu li jfisser il-kunċett tad-*"due process"* u li hu proprju dak li l-

artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ried jipprevjeni. Oltre dan jingħad ukoll illi t-talba tar-rikorrent Coreschi kif intavolata fir-rikors promotorju tal-ġudizzju kienet fis-sens li r-regolament 23 iċċitat jivvjola l-art. 39 tal-Kostituzzjoni u ma kienx limitat għall-ewwel sub-artikolu ta' dak l-artikolu biss. Effettivament anki l-iktar eżami superfiċjali ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma jħallix dubju li ħafna minn dak li jipprovdi dan l-artikolu in tutela taċ-ċittadin li jkun akkużat b'reat kriminali ma jirrikorrix fir-Regolament 23 iċċitat anzi huwa manifestament nieqes minnu. Ir-raġuni hi sempliċi u ċjoè għaliex ġaladarba hu vvjolat is-sub-artikolu wieħed (1) ta' dak l-artikolu s-sub-artikoli l-oħra tista' tgħid kollha vvjolati wkoll però tenut kont tad-duttrina ta' *strict necessity* din il-Qorti, stabbilita diġà l-vjolazzjoni tas-sub-artikolu (1) ta' l-artikolu 39 ma tarax li hu l-każ li jiġi kkunsidrat ukoll il-kumplament ta' l-istess artikolu;

Din il-Qorti għalhekk sejra tilqa' l-appell ta' Anthony Coreschi in kwantu jirrigwarda d-dikjarazzjoni minnu mitluba u li ssemmiet fuq;

L-istess appellant fir-rikors tiegħu promotorju tal-ġudizzju kien talab ukoll illi l-Qorti "tagħtih dawk ir-rimedji kollha xierqa skond il-każ, speċjalment peress li l-esponent kien intima lill-Kummissarju li ma kellux poteri li jeħodlu l-istess liċenzji mingħajr *due process of law*";

Illi rriżulta li l-liċenzji in kwistjoni li kienu ttieħdu mill-Kummissarju kienu diġà ngħataw lura lill-appellant Coreschi qabel ma bdiet il-kawża;

Illi inoltre skond is-sub-artikolu (8) ta' l-artikolu 47 tal-Kostituzzjoni meta bħal f'dal-każ xi disposizzjoni ta' liġi maħruġa

qabel il-ġurnata stabbilita titqies li tkun inkonsistenti ma' xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 33 sa 45 tal-Kapitolu dwar id-drittijiet u liberatjiet ta' l-individwu **ebda persuna ma** jkollha dritt għall-kumpens dwar xi ħaġa magħmula skond l-awtorità ta' dik id-disposizzjoni qabel ma kienet hekk meqjusa bħala inkonsistenti;

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk ma jidhirx li hemm xi rimedji li din il-Qorti għandha jew tista' tagħti dan anki in vista tal-fatt li l-kawża kienet merament waħda ta' dikjarazzjoni ta' anti-kostituzzjonalità ta' parti minn liġi;

Għal dawn il-motivi tiddisponi miż-żewġ appelli kif ġej u ċjoè: – billi tiċħad l-appell tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Ministru ta' l-Intern u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu ċaħdet l-eċċezzjoni minnhom issollevata tan-nullità tal-proċeduri u tiddisponi mill-appell tar-rikorrent Anthony Coreschi billi tirriforma s-sentenza appellata kif ġej u ċjoè:

1) billi tirrevokaha in kwantu ċaħdet it-talba tar-rikorrent Coreschi għad-dikjarazzjoni ta' l-antikostituzzjonalità tar-regolament 23 tal-*Motor Vehicles Regulations*, 1948 (Kap. 65 Edizzjoni Riveduta) u minflok tiddikjara li l-istess Regolament 23 tal-Kap. 65 imur kontra l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u f'dan is-sens tilqa' l-istess appell;

2) billi tikkonfermaha in kwantu ċaħdet it-talba tar-rikorrent għal rimedju, u f'dan is-sens tiċħad l-istess appell;

3) billi tikkonfermaha fil-kumplament tagħha;

Fl-aħħarnett tordna li l-ispejjeż relattivi għall-appell ta' l-intimat Kummissarju tal-Pulizija u Ministru ta' l-Intern ikunu a kariku *tagħhom*, mentri dawk relattivi għall-appell ta' Anthony Coreschi jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.